**DISKORS MILL-E.T. MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA, WAQT IL-FTUĦ TA' KONFERENZA PUBBLIKA DWAR IL-KUNDIZZJONI *COELIAC* GEWWA IL-PALAZZ IL-BELT**

**IS-SIBT 25 T'APRIL 2015**

**Eminent professor**

**Distinguished guests**

**Merħba lil kullħadd!**

**I especially welcome you, Professor Stefano Guandalini and Mrs Guadalini, to Malta, and to the historic palace where, this morning, you shared your brilliant expertise with us all.**

**On behalf of everyone here, let me thank you for taking the time to visit us.**

**I hope you have had some free time to visit our beautiful island, but if not, do visit us again in the near future. You are always welcome.**

**I will now continue my address in Maltese.**

**Sinjuri,**

Ninsab kuntenta ħafna li numru daqshekk sabiħ attendejtu għal din il-konferenza dalgħodu, fejn stajtu tisimgħu bniedem speċjalizzat fil-kundizzjoni tal-Coeliac, u li ġie Malta speċifikament biex jindirizza lilkom, u lit-tobba Maltin fuq din il-kundizzjoni.

Malta hawn mal-1,500 ruħ rreġistrati bħala Coeliac, iżda madankollu huwa stmat li hemm numru kbir ta' nies li huma coeliac u lanqas huma ma jafu għax qatt ma ġew identifikati.

Is-Coeliac hija kundizzjoni li ħafna drabi ma tingħarafx mill-ewwel, jew tiġi mfixkla ma' numru ta' kundizzjonijiet oħrajn; u għalhekk hawn ħafna nies li jibqgħu ibagħtu is-sintomi għal tul ta' żmien, bla bżonn.

Minħabba din ir-raġuni, hemm bżonn li jkun hawn aktar għarfien dwar x'inhi l-kundizzjoni, x'inhuma s-sintomi tagħha, meta persuna għandha tmur għand it-tabib tagħha, u ħafna informazzjoni oħra, biex tkun ta' għajnuna għal kull minn ikun għaddej minnha.

**Meta persuna tiġi diagnosed bħala coeliac, m'hiex l-aħħar tad-dinja. Jeħtieġ li kull minn jingħata din l-aħbar, jagħmel kuraġġ; pero jrid ifttex u jsib, dak kollhu li għandu bżonn biex jgħix ħajja tajba, minkejja l-kundizzjoni li jkollu.**

**Għal din ir-raġuni, hemm il-bżonn li jittellgħu kampanji nformattivi li jilħqu lil kullħadd, u li jieħdu forom li jifhem kullħadd.**

**Fil-fatt, illum jien qed nipproponi, fuq parir ta' l-istess Fondazzjoni għal Ġid tas-Soċjetà, li tkellmet ma' nies li qed jgħaddu min din l-esperjenza, li titwaqqaf ġurnata nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-kundizzjoni *Coeliac*.**

**Permess ta' din il-ġurnata, jkollna appuntament ta' kull sena fejn jiġu mfakkra dawk kollha li qed ibgħatu minħabba din il-kundizzjoni.**

**Jien nawgura, li din il-ġurnata sservi ta' opportunità fejn isir aktar tgħaliem, u nsiru aktar konxi tal-kundizzjoni, kif ukoll isservi biex iseħħ xi tibdiel li jenhtieġ għal ġid ta' minn għandhu l-kundizzjoni.**

**Hawn jiġi f'rasi li inħeġġeġ lil produtturi tal-ikel, li jaħsbu fil-bżonnijiet reali ta' nies bil-kundizzjoni u jagħmlu għazla ta' prodotti tal-ikel li tassew ikunu tajbin għalihom.**

**Forsi jistgħu jiżdiedu xi servizzi li hemm bżonn għal kull minn ikun għaddej mir-realtà tal-kundiżżjoni.**

**Irid ukoll isir aktar għarfien fost it-tfal, fl-iskejjel, sabiex l-ebda tifel jew tifla ma tiġi *bullied*, għax għandha xi ħaġa differenti.**

**Għad hawn ħafna x'isir biex persuni *coeliac* ikunu jistgħu jgħixu ħajja kif jixtiequ huma, minkejja l-kundizzjoni li jkollom.**

**Nawgura lil kullħadd saħħa, hena u ġid, u li ngħinu u nkunu ta' faraġ lil xulxin, f'dak kollu li jkollna bżonn.**

**Nawguralkom minn qalbi.**